# IT-TIELET KAPITLU

# IL-HALLIEL JURI NDIEMA

Filghodu ommha qamet bi tbissima. "Hadd ma bezzaghna, Edith dal-lejl. Ninsabu qawwijin u shah bhal ma qabel irqadna, " qaltilha ommha.

"Iva, kollox sew," wegbitha Edith xotta xotta.

Ma riditx tirrakonta lil ommha l-grajja tal-lejl dak il hin, biex ma tatihiex hasda u ghalhekk zammet fommha mitbuq. Anke meta nstab li sehhet is-serqa, Edith baqghet siekta. Tkellmet biss meta wasal lura missierha mis-safar. Missierha baqa' miblugh meta l-grajja tas-serqa u ma setghax jifhem kif xejn hlief it-tezor ta' bintu ma kien insteraq. Edith ma felhitx izzomm mohbi dak li ghaddiet minnu.

"Papa, jien kont li tajthomlu, " wegbitu Edith b'vuci mrieghda.



"Inti!  Int Edith!," esklama missierha kollu mistghageb u filwaqt li dar lejn martu kompla: " "Kitty, it-tifla mardet minhabba l-qatgha."

“Le, papa,” qalet Edith, idejha jirtghodu u bid-dmugh niezel minn ghajnejha, “ Smajtu u kont naf li ommi ser tibza’, ghalhekk tlabtu biex ma jaghmilx hsejjes. Kien qalbu tajba, ma kienx daqshekk kattiv,

ghalkemm dahaq ghat-talba tieghi. Qaghadt mieghu u ghidtlu li naghtih hwejjgi jekk kemm-il darba ma jmissx dawk taghkom. Ma kienx daqshekk halliel hazin.”

Hija serrhet wiccha fuq spallejn missierha. Ghal dan il-kliem ommha marret tigri thaddanha maghha u tbusha. “Oh Edith, issa li kieku weggghek, x’konna naghmlu?”

“Hu kien jaf li jiena ma kontx ser inwerzaq. Kien jaf li kont zghira biex inweggghu. Dan jiena ghidtulhu.”

Ftit fehmet ghaliex ommha kbiet u ghaliex ghajnejn missierha kienu imxarrba bid-dmugh hekk kif haddanha ma’ sidru.

“Hija htija tieghi Francis,” qalet ommha fost hafna lfieq, “ Hallejtilha wisq fuq spallejha u ma kont ghaqlija. Oqghod ahseb ftit f’liema periklu kienet binti biex isalvani halli ma niehux qata’ u li tati hwejjigha li tant tghozz u thobb biex ahna nibqghu ngawdu taghna. Mill-lum ‘l quddiem irrid naghti aktar kaz taghha u nkun omm qribha.”

Gara pero’ li kemm l-arlogg kif ukoll il-gizirana u l-perli ma kienux mitlufa u mill-gdid gew ghand is-sid zghir taghhom. Xi sitt xhur wara s-serqa mid-dar ta’ Edith, il-halliel inqabad mill-pulizija. U l-gustizzja wara li sabitu hati kkundannatu biex jghaddi hames snin go habs f’wahda mill-kolonji ta’ l-Ingilterra ‘l boghod minn artu.

Jum wiehed qabel it-tluq tal-halliel lejn il-kolonja, ufficjal tal-pulizija habbat fuq il-bieb tad-dar ta’ Edith u talab biex ikellem lit-tifla.

Missierha li wiegeb il-bieb, hadu jkellem lil bintu. Qalilha: "Ghandi talba minghand halliel biex jarak."



Missierha mar maghha u l-mument li dahlet fic-cella gharfitu.

"Kif inti, Lord?" qaltu b'vuci gentili.

"Nghidlek il-verita' ma tantx inhossni f'sahhti," wegibha l-halliel.

L-ufficjal tal-pulizija li dak il-hin inzerta jakkumpanja lil Edith u lil missierha qatalu fil-qosor u qallu: "Ghid dak li ghandek tghid lis-sinjorina u nehilsu."

Haga ta' l-ghageb minn taht is-saqqu il-halliel hareg kaxxa u taha lit-tifla.

“Wiehed minn dawk li gew jarawni qabel nitlaq lejn wahda mill-kolonji gabli din il-kaxxa,” qalila l-halliel, “ Ara dawn huma tieghek, hudhom. Nghidlek il-verita’ l-imgieba tieghek ammirajtha meta ghidtli li ma inti ser tweggani, biex inzomm is-skiet halli ommok ma tiehux qata u tibza’,” u waqaf ghal ftit mumenti biex inehhi l-ghoqla li telghet fi grizmejh,” kont ser nerga’ naghtik kollox lura, imma taf kif inhi n-natura ta’ halliel.”

Edith ukoll hassitha mqanqla mill-genwinita’ tal-halliel.  Ferhet u hadet lura dak li kien taghha u rringrazzjatu tal-gest sabih tieghu.

“Jiddispjacini li spiccajt hekk u ser tintbaghat ‘l boghod.  Jiena zgur li missieri kien jaghmel hiltu kollha biex jghinek kieku seta’ u inti tajtu c-cans,” qaltu Edith.

Il-halliel sellem lil Edith u l-pulizija ghalaq il-bieb tal-hadid tac-cella.

L-istorja taghna ma’ tieqafx hawn.  Jum wiehed ragel ta’ dehra stramba habbat il-bieb ta’ Edith; irrisponditu qaddejja u hekk kif taha pakkett



gheb f'tebqa' t'ghajn. F'din il-kaxxa kien hemm arlogg kbir tal-fidda u fuqu kien hemm miktub dawn il-kliem:

GHAT -TFAJLA ZGHIRA LI JIENA NAMMIRA
MILL-HALLIEL LI RADD KOLLOX LURA.

Lord Halgernon Hedward H Albert de Pentoville.